MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Numru. 622/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Anthony Seisun**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Seisun, bin Martin u Rita nee' Abela, mwieled Pieta' fl-14 t'Awwissu 1988, li joqghod Nru 39, Vendome Str, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' nru 371688M.

Akkuzat:

1. talli fis-16 ta’ Frar, 2007 ghall-habta tat-20:00 hrs, fi Triq il-Kitarristi, B’Bugia, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni JAF 028 ghad-dannu ta’ Josef Falzon, liema ammont ta’ hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500);
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin hebb kontra l-istess Josef Falzon sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara;
4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin ingurja jew hedded lil Josef Falzon jew jekk kien provokat, ingurjah b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita’ ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Josef Falzon u l-familja tieghu.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fl-24 ta’ Lulju, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda u d-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

F’dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet tal-fatti, b’dik tal-Prosekuzzjoni tikkonfliggi ma’ dik tal-imputat. Ghalhekk, din il-kawza tirrivolvi ruhha dwar liema verzjoni hija l-aktar kredibbli. Fic-cirkostanzi, fl-opinjoni tal-Qorti mhux il-kaz li isir elenku tal-fatti imma se jigu analizzati iz-zewg verzjonijiet tax-xhieda, sabiex din il-Qorti tiddeciedi liema verzjoni hija l-aktar attendibbli.

Il-Qorti sejra ticcita mir-rapport tal-Pulizija,[1] - fis-sustanza jelenka l-verzjoni ta’ kull parti –

Josef Falzon irraporta li meta kien qieghed gewwa Triq il-Kitarristi, Birzebbugia, jitkellem maz-zija tat-tfajla tieghu, certu Catherine Spiteri, lemah lill-imputat, li jigi l-gharus tat-tifla ta’ Catherine, li kien tiela bil-mixi bi flixkun u b’taxxa f’idu. Ezatt malli wasal hdejhom, l-imputat qabad u waddabhom fid-direzzjoni tal-vettura tieghu tieghu JAF028, li dak il-hin huwa kien qieghed go fiha. Malli ra hekk, Falzon qabad u saq `l hemm peress li ma riedx li jidhol fi kwistjonijiet mal-imputat, peress li dak il-hin kien hemm it-tifel tieghu fil-karozza li kellu madwar sena.

Il-Pulizija kellmet lill-imputat li qal li huwa kien mat-tfajla tieghu u t-tifla sejrin lura d-dar tat-tfajla tieghu, meta ra lil Josef Falzon fil-vettura tieghu ha jsuq ghal fuqhom. Fl-istqarrija tieghu,[2] l-imputat jghid li hekk kif rah gej ghal fuqhom, huwa imbotta lit-tfajla tieghu fuq il-bankina, u din waqghet u l-flixkun tal-luminata li kellha f’idejha inkiser. L-imputat cahad li huwa tefa’ xi flixkun fid-direzzjoni tal-vettura ta’ Falzon. L-imputat jghid li hu kellu xi jghid mal-gharusa ta’ Josef Falzon xi tlitt ijiem qabel, u ghalhekk baqghu bit-tikketta.

Il-Pulzija kellmet ukoll lil Catherine Spiteri, li stqarret li kienet qed titkellem ma’ Falzon, l-gharus tat-tifla t’ohtha, meta f’daqqa wahda rat lit-tifla taghha u lill-imputat telghin mit-triq. Malli rathom gejjin, Spiteri telghet il-fuq, peress li hi ma tkellimx lill-imputat, li jigi l-gharus tat-tifla taghha, ghax kellhom xi dizgwid fiz-zmien ricenti.

**Konsiderazzjonijet dwar Htija**

[1] Ezebit bhala Dok JC a fol. 23 tal-process.
[2] Ara Dok JF 2 a fol. 12 tal-process.

Kif wiehed jista’ jara, l-verzjonijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dawk tad-difiza huma djametrikament opposti. Ghalhekk huma relevanti x-xhieda tal-Pulizija li investigaw il-kaz, ghax dawn huma xhieda indipendenti.

L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann Fenech xehed li hu kien ispezzjona il-vann ta’ Falzon, pero ma seta’ jara l-ebda ghafsa fuq il-vann.[3]

WPC 239 Mary Rose Pace xehdet[4] li hi ma marritx fuq il-post, pero rat il-vettura ta’ Josef Falzon fejn l-ghassa, nofs siegha wara l-akkadut, u ma rat l-ebda daqqiet fuqha. In oltre, Falzon ma indikalhomx fejn huma d-daqqiet fuq il-vettura tieghu.

PS 386 Joe Cauchi xehed[5] li hu kien mar fuq il-post, pero kien wisq dlam biex seta’ jikkonstata xi haga. Dan kien fi Frar ghal habta tat-8.30p.m. – xi nofs siegha wara l-allegat akkadut. Ghalkemm seta’ kien hemm xi hgieg mal-art, huma ma setghux jistabbilixxu li dan kien il-hgieg li Falzon qal li l-imputat waddablu. Hi tghid li jekk kien hemm hsara din kienet fuq il-bonnet tal-vettura, pero l-vann in kwistjoni ma kienx wiehed gdid, u ghalhekk hi ma setghetx tistabilixxi li l-hsara fuq il-vann kienet kawzata minn dan l-incident.

Josef Falzon, il-*parte civile,* xehed[6] li l-flixkun li l-imputat tefa’ fuq il-vann laqat in-naha tax-xufier mill-genb fuq wara, u d-daqqa ikkagunatlu zewg ghafsiet zghar. Huwa qal ukoll li biex sewwa hsara hallas LM60.00, ghax ma marx ghand min ghamillu l-istima ta’ LM200 biex isewwi l-hsara, liema stima kien ta lill-Pulizija u tinsab ezebita f’dan il-process.[7] Pero Falzon xehed li ma kellux ricevuta ghas-LM60 li hallas.

[3] Ara xhieda tal-Ispettur Johann Fenech a fol. 9 tal-process.
[4] Ara xhieda ta’ WPC 239 Mary Rose Pace a fol. 15 *et seq.* tal-process.
[5] Ara xhieda ta’ PS 386 Joe Cauchi a fol. 19 *et seq.* tal-process.
[6] Ara xhieda ta’ Josef Falzon a fol. 30 *et seq.* tal-process.
[7] Ara Dok JF1 a fol. 11 tal-process.

L-imputat ghazel li jixhed[8] u huwa baqa' jsostni l-versjoni li kien ta lill-Pulizija a tempo vergine u baqa' jsostni li hu ma tefa l-ebda flixkun lejn il-vann ta' Falzon, imma kien Falzon li saq il-vann tieghu, ghal fuqu, fuq it-tfajla tieghu u t-tifla li kellhom maghhom.

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll Elaine Grima, l-ex partner ta' Josef Falzon, u li kienet riekba fil-vann fis-seat tal-passiggier dak in-nhar tal-incident. Elaine Grima xehdet[9] li meta hi u Falzon raw lill-imputat miexi mat-tfajla tieghu fid-direzzjoni taghhom, Falzon startja l-vann u kien ser isuq ghal fuqhom. Hija cahdet li l-imputat tefa' xi flixkun fid-direzzjoni tal-vann. Hija qalet ukoll li l-vann ta' Falzon kellu diga xi daqqiet.

F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp penali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

[8] Ara xhieda tal-imputat a fol. 45 *et seq.* tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Elaine Grima a fol. 53 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------